27 ta' Ġunju, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Gauci *versus* Francesca Gauci

**Separazzjoni Personali — Nullità tal-Proċediment — Digriet tas-Sekond'Awla — Alimenti — Ġudikat — Adulterju — Art. 44 u 76 tal-Kodiċi Ċivili, u art. 388 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tirrikjedi l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja biex tista' tiġi proposta kawża ta' separazzjoni personali mhix applikabili meta bejn il-miżżewġin ikun hemm diġà separazzjoni personali definitiva. Għaldaqstant il-konjuġi li jrid jipproponi kawża ta' separazzjoni personali meta bejnu u bejn il-konjuġi l-ieħor ġà hemm separazzjoni personali definitiva, ma għandux bżonn jitlob l-awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili; u l-proċediment minnu istitwit ma jkunx null minħabba nnuqqas ta' dik l-awtorizzazzjoni.*

*Is-separazzjoni personali tikkonferixxi d-dritt li jgħixu mifrudin liżżewġ konjuġi, u mhux lil dak biss li jkun talab is-separazzjoni; b'mod li dan ma jistax jobliga lill-konjuġi l-ieħor li jerġa' jmur jgħix miegħu.*

*Imma sentenza ta' separazzjoni personali tifforma ġudikat fuq dawk il-fatti biss li jkunu ddeterminawha; u għalhekk ebda ostakolu ma jista' jkun hemm għal domanda oħra ta' separazzjoni fuq fatti posterjuri; u ma hemm xejn kontra l-liġi li tintalab separazzjoni personali mill-ġdid għal kawża diversa bażata fuq fatti sopravvenuti.*

*Għalhekk ir-raġel li ġie kundannat b'sentenza mogħtija f'kawża ta' separazzjoni personali biex jissomministra l-alimenti lil martu, jista' jitlob id-dekadenza ta' martu mid-dritt għal dawk l-alimenti fuq il-motiv li hija kkommettiet adulterju wara dik is-sentenza; u dan jista' jagħmlu billi jagħmel kawża oħra ta' separazzjoni personali bażata fuq dan il-motiv, fejn jitlob ukoll id-dekadenza tal-mara mid-dritt ta' l-alimenti. Jekk huwa jaġixxi b'mod li jitlob biss*

*id-dekadenza ta' martu minn dak id-dritt, mingħajr ma jitlob ukoll is-separazzjoni personali minħabba l-adulterju tal-mara, il-kawża hekk magħmula hija proposta ħażin.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, premessa kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun, billi l-attur ottjena s-separazzjoni personali minn martu b'sentenza tas-17 ta' Lulju 1951, fl-ismijiet "Giuseppe Gauci vs. Francesca Gauci", deċiża minn dina l-Qorti; billi sussegwentement l-attur sar jaf li martu l-konvenuta ikkommettiet adulterju, u skond l-art. 56 (1) (d) tal-Kodiċi Ċivili, Edizzjoni Riveduta, il-konvenuta ddekadiet mid-dritt għall-pensjoni alimentarja; billi b'sentenza ta' l-1 ta' Marzu 1952, fl-ismijiet "Carmela Cassar vs. Giuseppe Cassar", li għaliha tingħamel umili riferenza, ġiet dikjarata s-separazzjoni personali bejn l-imsemmijin konjuġi Cassar għat-tort u ħtija ta' Giuseppe Cassar, u fosthom għall-kawżali ta' l-adulterju li hu ikkommetta minħabba relazzjonijiet mal-konvenuta; jiġi dikjarat u deċiż li l-attur ma għandux ikompli jagħti l-alimenti lill-konvenuta ordnati bis-sentenza tas-17 ta' Lulju 1951 fl-ismijiet "Giuseppe Gauci vs. Francesca Gauci", deċiża minn dina l-Qorti; u dan mill-ġurnata li dina l-Qorti jidhrilha ġusta u ekwa. Bl-ispejjeż;

Ikkunsidrat;

Illi, barra mill-eċċezzjonijiet fuq miġjuba, il-konvenuta, fit-trattazzjoni orali, opponiet in-nullità tal-proċediment minħabba li l-attur ma ġiex awtorizzat mis-Sekond'Awla ta' dina l-Qorti biex jagħmel il-kawża, skond ma hemm preskritt fl-art. 44 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi l-Qorti sejra tinvesti, qabel xejn, dina l-eċċezzjoni, peress li jista' jkollha influwenza deċiżiva fuq l-eżitu tal-kawża;

Illi mil-lokuzzjoni ta' l-art. 44 fuq ċitat, kif interpretat mill-ġurisprudenza, "la ragione della legge nel richiedere il preventivo permesso per proporre la domanda di separazione si è di accertare che tutti i mezzi di riconciliazione sieno stati inutilmente esauriti" (Kollez. VII, 790). Il-funzjoni ta' l-Imħallef sedenti f'dik il-Qorti fi proċedura simili hija dik biss li jipprova u jagħmel li jista' biex iwassal lill-miżżewġin f'rikonċiljazzjoni, b'mod li, jekk ma jirnexxilux, huwa ma jistax

jirrifjuta l-permess għall-kawża tas-separazzjoni (Digesto Italiano, Separazione Personale, Diritto Civile, no. 104). Minn dana jidher li dik id-dispożizzjoni hija applikabili biss meta bejn il-miżżewġin ma jkunx hemm ġa separazzjoni personali definitiva; Fid-dottrina ġie saħansitra mqanqal id-dubju jekk dana l-permess huwiex meħtieġ f'każ ta' domanda rikonvenzjonali f'ġudizzju ta' separazzjoni, jiġifieri fil-każ li l-konvenut jitlob hu s-separazzjoni personali; u s-soluzzjoni kienet negativa;

Igħid a propożitu Demolombe:— "L'art. 875 Codice Procedura Civile (li jikkorrispondi għall-art. 44 tal-Kodiċi Ċivili Malti) non ha al certo previsto se non l'ipotesi di una prima domanda formata da uno dei coniugi contro l'altro; ed in verità, che cosa potrebbe sperare, oggi che la lite è flagrante, da un novello sperimento di conciliazione fra quei coniugi che non si sono potuti conciliare prima della domanda? Quando il Presidente consigliasse al convenuto di rinunziare alla sua domanda riconvenzionale, costui non risponderebbe forse molto giustamente: 'il mio coniuge non ha voluto rinunziare alla sua; e poichè mi attacca in questo medesimo punto, lasciatemi adunque difendere?' " (Diritto Civile, Vol. IV, §436);

Dan huwa wkoll l-insenjament tal-Professur Federico Ciccaglione fil-monografija tiegħu fuq ċitata fuq "Separazione Personale". Huwa jikkonkjudi li jingħataw każi fejn ma hux meħtieġ li jsir l-esperiment tar-rikonċiljazzjoni, fosthom il-każ fuq imsemmi ta' domanda rikonvenzjonali ta' separazzjoni, u jispjega:— "La ragione appare chiara quando si consideri che già, in seguito alla domanda principale del coniuge, si fecero dal Presidente del Tribunale i tentativi per riconciliare i due coniugi, senza risultato. Ripetere l'esperimento, quando il giudizio è già inoltrato, quando la lotta giudiziaria ha inasprito maggiormente i coniugi, quando l'impossibilità della coabitazione risulta più chiara ed evidente dalla domanda riconvenzionale............. sarebbe cosa vana che, contro l'economia dei giudizi, menerebbe a spreco di tempo" (Dig. Italiano, loc. cit., no. 110);

Illi, "a fortiori", dina l-interpretazzjoni għandha tiswa fil-każ li jkun hemm ġa separazzjoni personali definitiva. Hu

magħruf, infatti, li s-sentenza tikkonferixxi d-dritt li jgħixu mifrudin liż-żewġ konjuġi, u mhux lil dak biss li jkun talab is-separazzjoni; b'mod li dana ma jistax jobliga lill-iehor li jerġa' jmur igħix miegħu (Fadda, Giurisprudenza Codice Civile, art. 157, nri. 1 u 2). Liema prinċipju jinsab indirettament rikonoxxut anki fil-liġi tagħna (art. 76 Codiċi Ċivili u art. 388 (2) Proċedura Ċivili). Issa, kieku fil-każ ta' miżżewġin ġa legalment separati kien obligatorju l-esperiment tar-rikonċiljazzjoni kontemplat fl-art. 44 fuq ċitat, il-Qorti tiġi mqiegħda fil-pożizzjoni anti-ġuridika li tinjora, kif fuq intqal, id-dritt ta' kull parti li tgħix separata — ħaġa dina li ma setgħetx kienet fl-intenzjoni tal-leġislatur, u li, fl-aħħar mill-aħħar, tispiċċa biex tikkaġuna telf ta' żmien u spejjeż inutili;

Illi, wara kollox, fit-trattazzjoni orali l-attur, per mezz tad-difensur tiegħu, ammetta li huwa mhux qiegħed jagħmel kawża ta' separazzjoni personali, u wisq anqas qiegħed jitlob separazzjoni ġdida; konsegwentement, anki għal dan ir-rifless (salv dejjem dak li ser jingħad 'il quddiem), l-attur ma kellux bżonn il-permess rikjest mill-art. 44 fuq riferit;

Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, dina l-eċċezzjoni tal-konvenuta mhix sostenibili; u l-Qorti tirrespinġiha;

Rigward l-eċċezzjoni l-oħra (fol. 7 tal-proċess), il-konvenuta, per mezz tad-difensuri tagħha, ikkwalifikatha aħjar fit-trattazzjoni orali, u spjegat li l-attur ma setax jitlob id-dekadenza tagħha mid-dritt ta' l-alimenti mingħajr ma jagħmel kawża ta' separazzjoni personali fuq il-kawżali ta' l-adulterju. Fil-fehma tal-Qorti dina l-eċċezzjoni hija fondata. Difatti, sentenza ta' separazzjoni personali tifforma ġudikat fuq dawk il-fatti biss li jkunu ddeterminawha, u ebda ostakolu ma jista' jkun hemm għal domanda oħra ta' separazzjoni bażata fuq fatti posterjuri. Ikompli jgħid l-imsemmi Professur Cicoaglione:— "Non può dirsi che una sentenza pronunziata in materia di separazione personale, e passata in cosa giudicata, abbia la stessa indole delle altre sentenze pronunziate su controversie economiche; in quanto nelle cause di separazione personale non si ha mai la cosa giudicata nel vero senso della parola............. Difatti, mutate le condizioni di fatto, niente impedisce al magistrato di ritornare, naturalmente die-

tro istanza della parte interessata, sulla cosa, e pronunziare una nuova sentenza. È vero che questa non mira a modificare quella, ma può il magistrato ritornare sulla sua decisione per modificarla secondo il nuovo stato di cose" (Digesto Italiano, voce citata, no. 133);

Ta' l-istess fehma hu Baudry:— "Il coniuge contro il quale la separazione è stata pronunziata da un primo giudicato potrebbe intentare contro il suo consorte una domanda di divorzio o di separazione personale fondata su un fatto nuovo posteriore al primo giudicato (Persone, Vol. IV, §358). F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza estera (Fadda, op. ċit., art. 148, nri. 252 u 253, u tal-Qrati Tagħna, Kollez. XXIX—II—603);

Minn dana jidher li ma hemm xejn kontra l-liġi li tintalab separazzjoni personali mill-ġdid għal kawża diversa bażata fuq fatti sopravvenuti; u hekk kien messu għamel l-attur biex jottjeni l-applikazzjoni ta' l-effetti derivanti mill-motiv ġdid li ddeterminahom. Dina l-proċedura mhux biss tinsab konformi għall-pratika kostanti (hekk infatti sar fil-kawża "Sant vs. Sant" riportata fil-Kollezzjoni, Vol. XXIX—II—603, fuq imsemmija), iżda tidher li hija indispensabili skond il-liġi. Infatti, skond l-art. 56 (1) tal-Kodiċi Ċivili, titlef kull dritt għall-alimenti dik il-parti, ir-raġel jew il-mara, li tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-art. 45 u 46 (jiġifieri għall-adulterju), u fit-test Ingliż, "the spouse who shall have given cause to the separation". Issa, f'din il-materja l-ħtija tibda legalment teżisti biss mas-sentenza li tiddikjara dik il-ħtija u tawtorizza s-separazzjoni; bil-konsegwenza li mhix ġuridikament konċepibili ebda dekadenza tal-konjuġi mid-drittijiet tagħhom, mingħajr ma jkun hemm kawża tas-separazzjoni deċiża b'sentenza li ġġib magħha, anzi li tiddikjara espressament, dik id-dekadenza. Kieku ma kienx hekk, il-konvenut f'kawża ta' dekadenza ma jkunx jista' jikkontrapponi fatti oħra kommessi mill-attur biex jinnewtralizza dawk lilu imputati, mentri, kieku ssir kawża ta' separazzjoni, ikollhom jiġu valjati l-fatti "hinc inde", u mill-entità tal-ħtijiet tiddependi l-inflizzjoni tad-dekadenza;

Xejn ma jiswa li, kif jippretendi l-attur, kien hemm ġa

sentenza *ta' separazzjoni personali*, u għalhekk ma kienx hemm bżonn ta' domanda oħra ta' separazzjoni. L-osservazzjoni mhix f'lokha, għaliex ħadd iżjed mill-attur ma jaf li dik is-sentenza ma kienetx bażata fuq l-adulterju ta' martu, li hu jippretendi li ġie kommess posterjorment. Jekk hu veru li d-dekadenza mid-drittijiet hija effett tas-separazzjoni personali, dina d-dekadenza tista' tintalab biss f'kawża ta' separazzjoni; għaliex, kif ġie fuq rilevat, f'kawża biss ta' separazzjoni tkun tista' tiġi mill-Qorti valjata r-responsabilità taż-żewġ partijiet fuq fatti miġjuba "*hinc inde*", mingħajr ebda limitazzjoni oħra ħlief dik li jridu jkunu posterjuri u sopravvenuti għall-ewwel sentenza;

Illi, "ex admissis", l-attur mhux qiegħed jipproponi kawża ta' separazzjoni personali, iżda qiegħed jitlob biss li jiġi eżonerat mill-obligu ta' l-alimenti dovuti lill-konvenuta in forza tas-sentenza tas-17 ta' Lulju 1951, li biha kienet ġiet pronunzjata s-separazzjonali personali; u konsegwentement il-kawża odjerna hija proposta ħażin;

*Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tirrespinġi* d-domanda ta' l-attur, u tillibera l-konvenuta "ab observantia";

L-ispejjeż, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, jibqgħu mingħajr taxxa; id-dritt tar-Reġistru jitħallas bin-nofs.